MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tas-7 ta' Dicembru, 2006

Appell Kriminali Numru. 219/2006

**Il-Pulizija**
**(Spt. J. Mercieca)**

**Vs**
Lorita Pace

**Il-Qorti,**

**Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellanti quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli b'diversi atti maghmulin mill-appellanti ukoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi, w li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda :**
**1) fit-3 ta' Ottubru, 2005 ghall-habta tas-7.00 p.m. mill-Genesis Perfumery fi Triq tal-Mensija, San Gwann, ikkommettiet serq ta' flus;**

**2) fit-12 ta' Lulju, 2005, f'dawn il-Gzejjer, xjentement, laqghet ghandha jew xtrat mobile phone, tal-marka Nokia 6600, li l-valur tieghu jeccedi l-mitt lira izda anqas minn elf lira Maltin, liema mobile kien misruq, mehud b'qerq jew akkwistat b'reat, jew xjentement b'kull mod li jkun, indahlet biex tbieghu jew tmexxih;**
**3) fl-istess dati, hinijiet, postijiet u cirkostanzi rrendiet ruhha recidiva ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, wara li nstabet hatja b'diversi sentenzi moghtija mill-Qrati Maltin, liema sentenzi saru definittivi w ma jistghux jigu mibdula;**
**4) kisret il-provvediment tal-Artikolu 28A u 28G tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta b'sentenza datata 23 ta' Settembru, 2005, meta hija kienet instabet hatja ta' sensiela ta' serq u nghatat sentenza ta' sena prigunerija sospiza ghal tlett snin taht ordni ta' supervizzjoni, liema sentenza saret definittiva.**

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-30 ta' Mejju, 2006, li biha, wara li rat l-Artikoli 334(a), 279(a), 49 u 50, 28A u 28G tal-Kap. 9, ma sabitiex hatja tal-ewwel akkuza u lliberata minnha, izda hatja tat-tieni, it-tielet u r-raba akkuzi w ikkundannata ghal sentejn prigunerija w irrendiet ezegwibbli l-perjodu ta' prigunerija ta' sena mposti bis-sentenza tat-23 ta' Settembru, 2005.

Rat ir-rikors tal-appellanti minnha pprezentat fid-9 ta' Gunju, 2006, li bih talbet li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonferma l-istess fejn sabet lill-appellanti mhux hatja tal-ewwel imputazzjoni u minnha lliberatha, filwaqt li thassaraha w tirrevokaha fil-bqija w cioe' fejn sabitha hatja tat-tieni, it-tielet u r-raba imputazzjoni u fejn ikkundannata ghal sentejn prigunerija fuq it-tieni u t-tielet imputazzjoni u fejn irrendiet ezegwibbli l-perjodu ta' sena prigunerija mposta fuqha bis-sentenza tat-23 ta' Settembru, 2005 u minflok tilliberaha minn kull htija w piena jew takkolji l-ewwel aggravju taghha w konsegwentement tirrevoka d-digriet moghti mill-Ewwel Qorti nhar id-9 ta' Mejju, 2006 u tiddikjara nulli l-proceduri mid-9 ta' Mejju, 2006 il-quddiem inkluza s-sentenza

appellata w tirrimanda l-atti quddiem l-Ewwel Qorti ghall-prosegwiment skond il-Ligi.

Fliet l-atti kollha processwali.

**Rat illi l-aggravji tal-appellanti fil-qosor huma s-segwenti w cioe' :- !. li l-proceduri kollha quddiem l-Ewwel Qorti mid-9 ta' Mejju, 2006, il quddiem ghandhom jigu dikjarati nulli ghaliex dawn tmexxew b' lezjoni cara, gravi w manifesta tad-dritt taghha ghall-smiegh xieraq w peress li hi ma nghatax l-opportunita' li tippartecipa fil-process kontra taghha b' mod attiv w ugwali ghall-prosekuzzjoni. Hi la thalliet li tipproduci provi in difeza w lanqas ma nghatat l-opportunita' li taghmel is-sottomissjonijiet taghha dwar il-kaz. 2. li l-Ewwel Qorti ghamlet enuncjazzjoni zbaljata w skorretta tal-ligi meta sabet lill-appellanti hatja tat-tielet u r-raba' imputazzjoni w cioe' li kisret il-provvediument tal-artikolu 28G tal-Kap.9 kif ukoll li rrendiet ruha recidiva fit-termini tal-art. 49 u 50 tal-Kap.9. 3. Li l-Ewwel Qorti ghamlet *error juris* meta sabet lill-appellanti hatja tat-tieni imputazzjoni w dan peress li mill-provi ma rrizultawx l-elementi kollha tar-reat ta' ricettazzjoni w lanqas tal-kwalifika tal-valur tal-oggett.**

**Rat il-fedina penali aggornata tal-appellanti esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;**

**Rat id-Digriet Taghha tat-12 t' Ottubru, 2006, li bih iddikjarat l-ewwel aggravju tal-appellanti w cioe' l-ilment kostituzzjonali, frivolu w vessatorju w ordnat li tkompli t-trattazzjoni fil-mertu fuq l-aggravji l-ohrajn u dan wara li ezaminat l-atti processwali.**

**Rat il-verbal tal-istess data li bih Dr. Stephen Tonna Lowell, ghall-Prosekuzzjoni, ddikjara li kien qed jaderixxi ghall-aggravju tal-appellanti li ma setax ikun hemm htija tat-tielet u r-raba addebitu;**

**Semghet it-trattazzjoni;**

**Ikkonsidrat;**

**Illi dwar it-tieni aggravju, l-Avukat Generali, ikkonceda li l-appellanti ma setghetx tinstab hatja li kisret il-provediment tas-sentenza sospiza w tar-recidiva. Di fatti dwar il-ksur tal-provvediment tas-sentenza sospiza, l-unika prova mressqa mill-Prosekuzzjoni dwar kundanna precedenti tal-appellanti kienet is-sentenza tat-23 ta' Settembru, 2005 li biha l-appellanti kienet giet kundannata ghal sena prigunerija sospiza ghal tlitt snin. Imma l-appellanti fis-sentenza appellata kienet instabet hatja biss tar-reat ta' ricettazzjoni li allegatament sehh fit-12 ta' Lulju, 2005, u cioe' f' data qabel ma giet pronunzjata s-sentenza ta' prigunerija sospiza. Invece hi giet liberata mill-ewwel imputazzjoni li kienet tirriferi ghall-serq allegatament kommess fit-3 t' Ottubru, 2005.**

**L-istess konsiderrazzjoni tapplika ghas-sejbien ta' htija tal-addebitu tar-recidiva. Il-Qorti pero' ma tistax ma tosservax li qed jigu quddiemha hafna kazijiet fejn ghalkemm fl-akkuza originali l-Prosekuzzjoni takkuza bir-recidiva w fejn mill-fedina penali tal-akkuzat tkun tirrizulta b' mod car tali recidiva, il-Prosekuzzjoni, fil-kors tal-process, tonqos ripetutament milli ggib il-prova skond il-ligi ta' tali recidiva. Dan jigri jew ghax ma tigix esebita kopja legali tas-sentenza jew sentenzi precedenti, jew, fejn din jew dawn jigu esebiti, ma jingabux ix-xhieda tal-identita'. Din hi prassi li turi, fl-ahjar ipotesi ghall-prosekuzzjoni, nuqqas ta' konsistenza w ta' perseveranza w, fl-aghar ipotesi, traskuragni grassa. Fil-kaz in ezami jidher abbondantement car li l-Prosekuzzjoni setghet tipprova r-recidiva kieku ndenjat ruha tesebixxi kopji tas-sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-3 ta' Frar, 2005 u tat-30 ta' Gunju, 2005, li jidhru fil-fedina penali taghha kif ukoll li tipproduci xhieda tal-identita' fir-rigward tal-appellanti biex jorbtuha ma dawn iz-zewg sentenzi. Dan pero' inspjegabbilment ma sarx mill-ufficjal prosekutur.**

**Ghalhekk dan l-aggravju qed jigi milqugh.**

**Ikkonsidrat;**

**Li dwar l-ahhar aggravju li jolqot is-sejbien ta' htija tar-reat ta' ricettazzjoni dedott kontra l-appellanti fit-tieni imputazzjoni, dan necessarjament jinvolvi l-apprezzament tal-fatti maghmula mill-Ewwel Qorti. Issa hu principju ormaj stabilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti (kemm fil-kaz ta' appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati kif ukoll fil-kaz ta' appelli minn verdetti w sentenzi tal-Qorti Kriminali) li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzzjoni li dik il-Qorti setghet ragonevolment u legalment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-Ewwel Qorti, izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-Ewwel Qorti kienetx ragjonevoli fil-konkluzzjoni taghha. Jekk izda din il-Qorti tasal ghall-konkluzzjoni li l-Ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura mpellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni w konkluzzjoni (ara f'dan is-sens *"inter alia"* l-Appell Kriminali :** "Il-Pulizija vs. Raymond Psaila et." **[12.5.94;** "Ir-Republika ta' Malta vs. George Azzopardi **" [14.2.1989];** "Il-Pulizija vs. Carmel sive Chalmer Pace" **[31.5.1991] ;** "Il-Pulizija vs. Anthony Zammit" **[31.5.1991] u ohrajn .)**

**Din il-Qorti ghamlet dan l-ezami approfondit tal-provi w jirrizultawlha dawn il-fatti:-**

**Meta ghamlet l-ewwel stqarrija taghha fit-12 ta' Lulju, 2005 (Dok.LP2 a fols. 66 et seq.) l**-appellanti **kienet qalet li l-mobile Nokia 6600 kien xtrahulha l-*partner* ghall-*birthday* li kien is-Sibt ta' qabel. L-ircevuta tan-Nokia kienet ghand il-*partner* taghha. Mistoqsija jekk in-numru tal-mobile 79914744 li nstab fuq ir-ricevuta**

**tal-hanut J. Cossai Ltd. bin-numru 5487 li kienet turi li thalla Nokia 6600 ghat-tiswija ghand dan il-hanut ghaliex huwa *"locked*" u li turi l-klient kienet Sandra Pace bil-mobile number 79914744, kienx taghha, l-appellanti kienet wiegbet li iva dak in-numru kien taghha. Qalet ukoll li dak in-nhar stess filghodu kienet ma' Shaun u Alberta w Shaun hadha Birkirkara w Shaun ma setax jipparkja w qalilha biex tinzillu hi bil-mobile. Shaun kien qalilha li dahhal il-*pin code* hazin erba darbiet u llukkjalu. Dan kien ilu ghandu erbat ijiem zgur ghaliex kemm il-darba tiltaqa' mieghu w tiftakar li kienet qaltlu li kien bhal taghha.**

**Fit-tieni stqarrija taghha tal-5 t' Ottubru, 2005, a fol 8 tal-process** l-appellanti **qalet li l-*mobile phone* Nokia kien gie f' idejha fit-12 ta' Lulju, 2005, ghax habib taghha, certu Shaun kien qed isuq il-karozza taghha w talabha li tohodlu dak il-mobile ghand Cossai tal-*mobiles* ta' Psaila Street , Birkirkara , ghax skond Shaun ma kienx qed jaccetta Sim cards. Dan Shaun kien mar ghaliha d-dar u nizel maghha l–Gzira ghall-Alberta w min hemm kienu baqghu sejrin il-Gharghur. Ghaddew minn Psaila Street qabel telghu l-Gharghur u hi marret bil-**mobile **ghand Cossai tal-*mobiles*.Hi ma kienetx taf li dan il-mobile kien misruq ghax kieku ma kienetx tmur bih, pero' kellha <u>suspett</u>. Ghad-domanda "*ara nghidx sew li tant kellek suspett li misruq li ghand Cossai fuq Sandra Pace irregistrajtu, hux hekk?"* wiegbet : *"Iva. Jien stess ghidtlek."* (sottolinear ta' din il-Qorti.)**

L-Ispettur Joseph Mercieca **(fol. 46) esebixxa bhala Dok JM1 il-*mobile* tal-marka Nokia 6600 li kien irrizultalu li kien misruq mill-ufficcju tas-Sedqa u li kien jappartjeni lil certu Mario George Vella minn Ghawdex. Mieghu, meta giet interrogata, l-appellanti kienet qalet li ssusspettat li dan il-*mobile* kien gej minn serq. Infatti il-*mobile* kien ittiehed ghat-tiswija mill-appellanti ghand certu Cossai w meta ffirmat il-*job card*, l-appellanti ffirmat bhala Sandra Pace.**

Mario George Vella **(fol. 48 et seq.) xehed li gharaf il-mobile Nokia 6600 esebit bhala li kien tieghu meta xeghelu. Dan kien xtrah LM145 xi sitt xhur, seba xhur qabel . Kien hallieh fuq id-desk fl-ufficcju tieghu is-Sedqa fejn hu jahdem. Kien insteraqlu fit-12 ta' Lulju, 2005. (sottolinear ta' din il-Qorti)**

Joseph Cossai **(fol.69 u 70) xehed li fit-12 ta' Lulju, 2005, kienet marret l-appellanti fil-hanut tieghu bl-isem ta' Sandra Pace u hadet mobile Noika 6600 ghat-tiswija. Il-klienta kellha tghaddi lura ghat-telefon meta jkun imsewwi. Kellhom inehhulu l-*lock* li kellu fuqu. Ma lahqux sewwewh ghax l-ghada gew il-Pulizija w gabru dan it-telefon. Il-persuna li qalet li jisimha Sandra Pace kienet iffirmat hekk fuq fuq il-*job sheet* li hu esebixxa (Dok. LP3).**

PS 90 Jeffrey Gerada **(fol. 72 u 73) xehed li hu kien eleva ricevuta mill-karozza li fiha kienet twaqqfet l-appellanti mill-Pulizija fil-Gharghur fit-12 ta' Lulju, 2005. Id-Dok. LP 3 hu l-original abjad tal-kopja tal-ircevuta numru 005487 li huma kienu elevaw mill-karozza tal-appellanti. L-appellanti qaltilhom li kienet iffirmat dir-ricevuta bl-ittra "S" u mhux Lorita Pace.**

L-Ispettur Rita Criminale **xehdet (fol. 81 et seq.) li meta staqsiet lill-appellanti fuq il-*job sheet* li nstabet, qalet li hi dak in-nhar filghodu stess kienet marret ghand Cossai Ltd u hadet *mobile* ghar-*repairs* u meta staqsietha jekk dan kienx taghha, qalet li kien ta' persuna ohra. Wara rrizultalha li dal-*mobile* kien irraportat misruq minn Mario George Vella fit-12 ta' Lulju, 2005, cioe' dak in-nhar stess. L-appellanti kienet qalet li ffirmat Sandra Pace ghax thobb tuza dak l-isem ukoll. Il-*mobile number* li hemm fuq il-*job card* accettat li kien taghha.**

**Ikkonsidrat;**

**Illi kif qalet din il-Qorti diversament preseduta (per V. De Gaetano J., fl-Appell Kriminali : "**Il-Pulizija vs. Emanuel Seisun et."[**26.8.1998]); it-teorija Ingliza "*of***

***unlawful possession of recently stolen goods*” issib ukoll applikazzjoni fis-sistema legali taghna, ghax in tema ta’ *“law of evidence”* il-gurisprudenza taghna ssegwi hafna dik Ingliza. Din it-teorija ma hi xejn hlief l-applikazzjoni tal-buon sens ghal cirkostanzi partikolari li jkunu jirrizultaw pruvati, fis-sens li meta jigu ppruvati certi fatti, dawn jistghu wahedhom iwasslu ragjonevolment ghall-konkluzzjoni li persuna partikolari tkun hatja tar-reat ta’ serq tal-oggetti misjuba ghandha jew, skond ic-cirkostanzi, tar-reat ta’ ricettazzjoni ta’ dawk l-oggetti.**

**F’ dik is-sentenza din il-Qorti ccitat mill-**Archbold **: Criminal Pleading, Evidence and Practice, (1997, paras. 21-125, 21-126):-**

***“In R. v. Smythe, 72 Cr. App. R. & C.A., the court stressed that it is a misconception to think that recent possession is a material consideration only in cases of handling: it adopted the following passage from*** *Cross on Evidence* ***, 5th. ed., p.49 (now 8th. ed.., p.35): “if someone is found in possession of goods soon after they have been missed, and he fails to give a credible explanation of the manner in which he came by them, the jury are justified in inferring that he was either the thief or else guilty of dishonestly handling the goods, knowing or believing them to have been stolen….The absence of an explanation is equally significant whether the case is being considered as one of theft or handling, but it has come into particular prominence in connection with the latter because persons found in possession of stolen goods are apt to say that they acquired them innocently from someone else. Where the only evidence is that the defendant on a charge of handling was in possession of stolen goods, a jury may infer guilty knowledge or belief (a) if he offers no explanation to account for his possession, or (b) if the jury is satisfied that the explanation he does offer is untrue.”***

***"Every case depends on its own facts. ….It would be impossible to compile a definitive list of circumstances which might be relevant. They will include, however, the time and place of the theft, the type of property stolen, the likelihood of it being sold on quickly, the circumstances of the defendant, whether he has any connection with the victim or with the place where the theft occurred, anything said by the defendant and how that fits in or does not fit in with the other available evidence."*** **(sottolinear ta' din il-Qorti). (ara ukoll App. Krim.** "Il-Pulizija vs. Richard Spiteri" **[31.8.2006])**

**Ikkonsidrat;**

**Illi fid-dawl ta' dawn il-principji ta' dritt, din il-Qorti hija tal-fehma li fic-cirkostanzi l-Ewwel Qorti kellha kull dritt li tikkonkludi legalment u ragjonevolment li, mill-provi fuq riprodotti, partikolarment minn dak li qalet l-istess appellanti fit-tieni stqarrija taghha, hi mhux biss kien imissha indunat jew issuspettat b' mod qawwi li l-*mobile phone* in kwistjoni kien wiehed misruq izda attwalment kellha dan is-suspett kif ammettiet hi stess.**

**F'dan il-kaz l-appellanti nstabet fil-pussess ta' mobile phone ftit tal-hin biss wara li kien insteraq dak in-nhar stess u ovvjament ghax dan ma setax jahdem ghax kien *locked* minn sidu, haditu dritt ghand Cossai Ltd. biex dan il-phone jigi *"unlocked"* . Hu sintomatiku li dak in-nhar iffirmat b' isem li mhux taghha "S" u qalet lil ta' Cossai Ltd li kien jisimha "*Sandra*" minnflok *"Lorita".* X' interess kellha li taghmel dan, jekk mhux ghax - kif stqarret hi stess - issuspettat li l-mobile phone li allegatament kien ta f' idejha biex tiehdu ghand Cossai, Shaun Zammit, kien misruq. Meta umbaghad wiehed iqis ic-cirkostanzi kollha suspettuzi ghall-ahhar li kienet involuta fihom l-appellanti dak in-nhar, l-inferenza hija ovvja x' gara. Terga' w tghid meta fl-ewwel stqarrija taghha l-appellanti qalet li l-mobile in kwistjoni kien ilu f' idejn Shaun xi erbat ijiem u li kien tahulha ghall-birthday is-Sibt ta' qabel,**

**kienet qed tigdeb zgur ghax il-mobile irrizulta li kien insteraq minnghand Vella dak in-nhar stess li haditu ghand Cossai w cioe' fit-12 ta' Lulju, 2005, meta giet interrogata mill-Ispettur Criminale. Ghalhekk l-appellanti tat versjonijiet konfliggenti u kontradittorji li jirrendu kull spjegazzjoni taghha mhux attendibbli.**

**Illi dwar l-aggravju li ma saritx il-prova tal-valur tal-mobile Nokia 6600 in kwistjoni, Mario George Vella xehed li dan kien xtrah bil-prezz ta' Lm145 xi sitt xhur qabel. Issa kif gie ritenut minn din il-Qorti diversament preseduta fl-appelli Kriminali mill-Prim' Imhallef V. DeGaetano fil-kawza** "Il-Pulizija vs. Joseph Cutajar" **[23.9.2005], meta Qorti, bl-applikazzjoni ta' l-esperjenza ta' kulljum tal-gudikant, tkun tista' taghmel il-valutazzjoni taghha ta' l-ammont tal-hsara fis-sens li tistabilixxi jekk ikunx inqabez jew le xi *benchmark* partikolari stabilit mill-ligi, m' ghandux jitqabbad perit biex jaghmel stima tal-oggett jew oggetti in kwistjoni proprju ghax tali valutazzjoni ma tkunx *"tinhtieg hila jew sengha specjali"* [art. 650(1) ta' l-imsemmi Kodici]. Dan ukoll ghaliex l-ispejjez ta' tali perizja u d-dewmien li din necessarjament iggib ikunu inutili w ghalhekk ingustifikati. Ghalhekk ladarba l-Ewwel Qorti kellha l-prova ta' kemm kien inxtara l-mobile proprju ftit tax-xhur qabel, setghet legittimament tikkonkludi li l-valur ta' dal-*mobile* kien jaqbez dak ta' mitt lira skond l-artikolu 267. Ghalhekk dan l-aggravju ma hux gustifikat u qed jigi respint.**

**Illi mbaghad il-piena ghar-reat ta' ricettazzjoni skond l-artikolu 334(a) tkun determinata mill-valur tal-haga misruqa. F' dan il-kaz il-valur kien jeccedi dak ta' mitt lira Maltin (LM100) skond l-art. 267 imma ma jeccedix l-elf lira Maltin (LM1000) skond l-art. 279 (a) u ghalhekk il-piena erogabbli kienet minn hames xhur sa tlitt snin.**

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti tara li ma hemmx raguni ghala ghandha tiddisturba l-apprezament tal-fatti maghmul mill-Ewwel Qorti meta sabet htija tal-imputazzjoni ta' ricettazzjoni dedotta kontra l-appellanti.

**Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tilqa' l-appell limitatament billi tirriforma s-sentenza appellata b' dan li tirrevokaha fejn sabet htija fl-appellanti tal-addebiti tar-recidiva u li kisret il-provvedimenti tas-sentenza ta' prigunerija sospiza moghtija fit-23 ta' Settembru, 2005, u fejn irrendiet ezegwibbli l-periodu ta' prigunerija ta' sena imposti bis-sentenza tat-23 ta' Settembru, 2005 u tikkonfermaha fejn ma sabitx lill-appellanti hatja tal-ewwel imputazzjoni ta' serq u fejn sabitha hatja tat-tieni imputazzjoni ta' ricettazzjoni w kkundannatha ghall-piena ta' sentejn prigunerija fuq it-tieni imputazzjoni.**

**Finalment il-Qorti tordna li kopja ufficjali ta' din is-sentenza tigi notifikata lill-Avukat Generali u lill-Kummissarju tal-Pulizija, sabiex tingab a konjizzjoni taghhom l-osservazzjoni maghmula *supra* dwar in-nuqqas ta' prova tar-recidiva.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------